**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LVIII**
**Appell Nru: 218/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

**RONALD MANGION**

**Illum, 8 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Ronald Mangion gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali talli fil-20 ta'Lulju, 2000, u fix-xhur precedenti ghal din id-data, f'dawn il-Gzejjer, meta hekk ordnat mill-Qorti sabiex jghati lill-martu Nadine Mangion dik is-somma ffissata minn dik il-Qorti bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-uliedha, u cioe', Desiree Mangion, fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond dak l-ordni kellu jithallas dik is-somma, naqas jew irrifjuta li jhallas dik is-somma.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fl-10 ta'Ottubru, 2000, li biha sabet lill-Ronald Mangion hati ta' din l-akkuza w kkundannatu Lm5 ammenda.

Rat ir-rikors t'appell ta'Ronald Mangion datat 18 ta'Ottubru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull akkuza dedotta kontrih.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet mill-gdid lix-xhieda taht gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi waqt is-seduta tal-lum stess quddiemha, din il-Qorti gja' ddecidiet appell iehor simili bhal dan prezenti fejn l-appellant hemmhekk huwa l-istess appellant hawnhekk u fejn il-meritu huwa essenzjalment l-istess. Dan kien l-

appell kriminali fl-ismijiet " *Il-Pulizija –vs- Ronald Mangion, Appell Kriminali 171/2000* ".

Ghalhekk, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti qed tadotta dak kollu li qalghet fis-sentenza taghha ta' dak l-appell l-iehor u tapplikah hawnhekk f'dan prezenti.

Ghalhekk, il-Qorti qed tichad l-appell ta'Ronald Mangion u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur